L-isbaħ waħda kienet fil-lejl tal-Milied. Xi ġirien, tfal u kbar, ġew jaraw il-presepju u billi missieri ried imur ikanta fil-parroċċa kien qed jistrieħ wara jum xogħol. Iz-zija, Alla jaħfrilha, tilmaħ lil Peppu Meżmuża għaddej biż-żaqq biex imur idur mar-raħal u jferraħ in-nies, u "Pep", qaltlu, "ejja doqqilna daqqa hawn". Peppu ġie b'imserka f'ħalqu jonfoħ il-ġild ta' kelb tal-kaċċa u jitgħawweġ biex idoqq. It-tfal imdawrin miegħu u l-kbar jidħku u jikkommentaw warajh. Ommi, li kienet ġa fuq saqajha, tindokra lili fil-benniena malli semgħet dak l-istorbju niżlet isfel biex issikkithom, ħalli ma jqajmux lil missieri; f'salt wieħed Peppu waqaf mid-daqq għax instaddlu l-betbut u hawn beda għors ta' daħk tal-kbar, fastidju taż-żgħar u nkwiet ta' Peppu għaliex ma setax isib irkabtu biex isewwi l-imbierek betbut, u la sa jieħu u lanqas jagħti gost fil-Milied imqaddes u...... lanqas ibill griżmejh b'xi qatra nbid li soltu jħallsulu......!

Dejjem niftakar fiz-zija togħxa bid-daħk kull darba li ssemmi dil-praspura.

Dak kien żmien ieħor, u dawk kienu nies oħra!

## MEMBRI AKKADEMIĊI

Jisgħobbina li fil-lista tal-Membri Akkademiċi tal-"Għaqda" li ippubblikajna fl-aħħar numru ta' "Il-Malti", bi żball ħallejna barra l-isem tar-Rev. Patri Edmund F. Sutcliffe, S.J., Membru Akkademiku Onorarju, Heythrop College, Chipping Norton, Oxford.



# Reċensjonijiet

**"SEQUERE ME"** — Qari Reliġjuż fuq il-Vokazzjonijiet Agostinjani. — Kunvent ta' S. Wistin, Valletta.

Dan hu qari ta' kull xahrejn maħruġ mill-Patrijiet Agostinjani tal-Belt, u għalkemm hu miktub għaż-żgħażagħ, iżda hu ta' fejda kbira wkoll għall-kbar. L-iskop ewlieni ta' dan il-qari hu li jgħallem fuq il-vokazzjoni għall-ħajja reliġjuża, imma fih tagħrif u tagħlim fuq bosta ħwejjeġ interessanti, kollha miktubin bi stil tajjeb letterarju li jogħġob u jpaxxi l-qalb u l-moħħ. Prosit lill-Editur u lill-Assistenti Diretturi u jalla dan il-qari jiġi f'idejn ħafna qarrejja kbar u żgħar għax jiswielhom ta' ġid.

**"MALTA'S MUSICAL HISTORY"** — Ta' Joseph Galea. Estratt mill-"Music Book VII: Individual Histories".

Din hija biċċa xogħol li fiha ħafna tagħrif dwar l-istorja tal-mużika f'Malta. L-awtur jidher li fittex ħafna f'kotba, f'manuskritti u f'dokumenti biex kiseb l-informazzjonijiet li tana. Ta' min isemmi li l-awtur ma żammx biss fuq Maestri jew fuq mużika fil-knejjes u fit-teatri, imma, biex ngħid hekk, mess kull tast tal-ħajja mużikali f'pajjiżna. Hu kiteb fuq drawwiet qodma li għandhom x'jaqsmu mad-daqq u mal-kant e.g. korijiet u orkestri fil-knejjes, reċti fi djar privati, għana u daqq fil-festi ecc. Interessanti wkoll hi r-riferenza għall-iskola tal-mużika qadima tal-Kattidral mijiet ta' snin ilu.

L-awtur b'erba' kelmiet ta tagħrif siewi fuq l-aqwa żewġ teatri tal-Belt: it-Teatru Manoel, wieħed mill-eqdem ta' l-Ewropa, u t-Teatru Rjal, wieħed mill-aktar imsemmija, li l-lum, jaħasra, hu ħerba. Utili wkoll għal min jiddeletta bl-istorja tal-mużika hi l-lista tas Surmastrijiet Maltin bl-opri tagħhom.

Prosit lis-Sur Galea.

G.

**INNIJIET - TIFHIR U TALB LILL-MADONNA TAL-KARMNU.** — Miġburin minn Patri Beneditt M. Caruana, Karmelitan. — "Għaqda ta' Qari Tajjeb". Malta. 1951. Paġ. 24.

Din hi ġabra ta' innijiet lill-Madonna tal-Karmnu, miktubin minn qassisin u patrijiet xi wħud minnhom poeti magħrufin ta' l-ilsien Malti. Patri Beneditt M. Caruana li bis-sabar kollu għaqqad din il-ġabra, ħaqqu kull tifħir mhux biss għall kontribuzzjoni tiegħu, iżda wkoll għax b'hekk ta f'idejn id-devoti tal-Madonna tal-Karmnu mezz mill-aħjar biex huma juru l-qima tagħhom lejn dik l-Omm tal-Grazzji.

Aħna nafu kemm hi kbira d-devozzjoni lejn il-Madonna tal Karmnu f'Malta, u din is-sena kellna xhieda kbira ta' din id-devozzjoni fl-okkażjoni taċ-ċentinarju tal-Labtu. Kienet ħaġa tal-għaġeb kif sal-lum ħadd ma kien għadu sawwar ktejjeb bħal dan. F'din il ġabra, bħalma għidna, hemm poeżiji u innijiet ta' kittieba magħrufin, poeżiji li jolqtuk għall-ħlewwa tal-versi, għall-għoli tal-ħsieb, li jmissulek qalbek u jġibulek il-ħena meta taqrahom.